Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Talba Numru. 2066/2004

**Jesmond Bartolo**
**vs**
**S.P.Hotel Ltd (C31181)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Novembru, 2004, fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u erbgha u sebghin lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm774.72), rapprezentanti hlas dovut lill-attur Jesmond Bartolo in konnessjoni ma' l-impieg tieghu mas-socjeta` konvenuta, liema impieg gie terminat fil-11 ta' Lulju, 2004.**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 15 ta' Ottubru, 2004.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fit-23 ta' Novembru, 2004, fejn gie eccepit:**

**i. Preliminarjament illi dan it-Tribunal huwa inkometenti biex jisma' din il-kawza ratione materiae.**
**ii. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur.**
**iii. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` konvenuta m'ghandha ebda debitu fir-rigward ta' l-attur, billi l-istess attur jinsab minnha mhallas kompletament u rrilaxxja ricevuta « in full and final settlement of my employment with S.P.Hotel Ltd. And hereby declare that I have no further claims against the said company. » Ara kopja annessa tar-ricevuta datata 29 ta' Lulju, 2004 Dok.A.**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' PS1174 Adrian Sciberras, Ian Meli, Jesmond Bartolo, Chris Abela, Chris Busuttil, Lino Cremona. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet.**

**Ikkunsidra :**
**1. L-attur qed jitlob hlas in konnessjoni ma' impieg tieghu bhala night receptionist mas-socjeta` konvenuta.**
**2. Is-socjeta` konvenuta qed teccepixxi fl-ewwel lok l-inkompetenza ratione materiae ta' dan it-Tribunal. Dak li qed jigi indagat huwa jekk l-ammont hwiex dovut jew le, u mhux jekk kienx hemm terminazzjoni ingusta jew le. Ghalhekk il-kaz jaqa' fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal.**
**3. Skond ma xehed PS1174 Adrian Sciberras, fis-7 t'Ottubru, 2004 sarlu rapport minn Carmelo Cremona, Manager tas-San Pawl Hotel, dwar li fil-5 t'Ottubru, l-attur, li kien impjegat hemm, kien mar l-accounts section tal-hotel u talabhom dokumenti ghall-ETC. Dana jghid li skond ma gie rrapportat, meta l-iskrivan fetah il-file, Bartolo hataf xi karti, fosthom termination paper iffirmata mill-istess attur, u telaq jigri l-barra bihom. L-istess Sugrgent jghid li meta kellem lill-attur dan stqarr li kienu giegheluh jiffirma karta <u>minghajr</u>**

**ma jaf x'inhi, li kienet tghid li maghdnu jiehu xejn aktar. Ghalhekk hu qattaghha.**
**4. L-attur xehed li met affirma d-Dok.A, kien ghamel hekk ghax intqal lilhu li qed jiffirma biex jiehu l-paga.**
**5. Ian Meli, Employment Relations Officer mad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impiegi, spjega li l-attur kien ghamel claim, Dok.IM1. Hu esebixxa t-termination form, Dok.IM3, li turi li l-attur spiccaa fit-3 t'Awissu, 2004. Hu kkonferma wkoll li s-socjeta` konvenuta kienet ghaddietlu l-ittra ffirmata mill-attur. Kien cempel lill-attur biex jara jekk hu ffirmax, u dan kien ikkonferma li kien ffirmaha. Ian Meli avza lill-konvenut li ladarba giet ffirmata dik il-karta id-dipartiment ma setghax jipprocedi.**
**6. Ghalhekk tenut kont ta' dan kif ukoll tax-xhieda l-ohra prodotti, u tenut kont tal-fatt li l-istess attur jaf jikteb u jaqra, jirrizulta soddisfacentemnt pruvat illi meta ffirma dik d-dikjarazzjoni, l-attur kien jaf ben tajjeb x'qed jiffirma, u ma jirrizulta b'ebda mod dak li qed jallega hu li gie mgieghel b'xi mod jiffirma.**
**7. Ghalhekk meta l-konvenut rrilaxxja r-ricevuta Dok.A u fejn jintqal fost ohrajn li tali qed tigi accettata: « in full and final settlement of my employment with S.P.Hotel Ltd. and hereby declare that I have no further claims against the said company. » ma jistghax jibqa ebda dubbju li llum l-attur ma hux intitolat ghall ebda hlas.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------